

# L-GHID TA' L-ASSUNTA

BQT
3412
.V535
A865
1975



# L-Ghid ta' l-Assunta

## Programm - Tifkira

TAL-

## Festi

TA' L-

## Inkoronazzjoni

TA'

## SANTA MARIJA ASSUNTA

TITULAR TAL-

## KATIDRAL

GHAWDEX

***7 ta' Mejju - 17 ta' Awissu***

**Harġa ta' darba fis-sena**
**Nru. 10**
**Edizzjoni Speċjali**
**Lulju 1975**



# Hsieb Marjan mill-Qdusija Tieghu il-PAPA PAWLU VI

Is-Solennità tal-15 t'Awissu tfakkarna fit-tlugħ glorjuż ta' Marija fis-sema. Hija l-festa tax-xorti, tal-milja, tal-barka, tal-kobor tar-ruħ bla tebgħa tagħha, kif ukoll tal-ġisem verġni tagħha, u tal-figura perfetta tagħha ma' Kristu Rxoxt.

Hija festa li tpoġġi quddiem għajnejn il-Knisja u l-bnedmin kollha x-xbieha u l-prova ta' faraġ li għad isseħħ it-tama tagħhom ta' l-aħħar, jiġifieri li din il-glorja sħiħa hija wkoll ix-xorti ta' dawk kollha li Kristu għamel ħutu billi ħa "ġisem u demm bħalhom" (Lhud 2 : 14 ara Gal. 4 : 4r). Is-solennità tat-Tlugħ fis-sema hija mtawwla bit-tifkira li tiġi sebat ijiem wara, ta' l-Imqaddsa Verġni Marija bħala Sultana. F'din il-ġurnata naħsbu fuq dik li qiegħda ma' ġenb is-Sultan taż-żminijiet, tiddi bħala Sultana u tidħol għalina bħala Omm.

Papa **PAWLU VI**

**Marialis Cultus, 6.**



A. J. Mamo
President tar-Repubblika

**SIR ANTHONY MAMO**

**President tar-Repubblika ta' Malta**

**li ser jassisti waqt l-Inkoronazzjoni ta' Santa Marija Assunta**



**L-Eminenza Tiegħu il-Kardinal FRANCESCO SEPER**
**Legat tal-Papa**

# Messagg ta' l-Eminenza Tieghu il-

# KARDINAL FRANCESCO SEPER

# Legat tal-Papa

# ghall-Inkoronazzjoni

Lieto ed onorato di presiedere a Gozo alla solenne celebrazione liturgica dell'immagine della Beata Vergine Maria, rivolgo il mio cordiale saluto ed il mio ringraziamento all'Ecc.mo Vescovo, al presbiterio, al popolo di Dio della nobile nazione cattolica di Malta, in atesa di poterci incontrare tutti ai piedi della Vergine "universorum Regina a Domino exaltata".

Roma, il 29. VI. 1975.

† Francesco Cardinal Sepér
Prefetto della S. C.
per la Dottrina della Fede



**L-E.T. MONS. ANTONIO DEL GIUDICE**
**Arċisqof titulari u Nunzju Apostoliku għal Malta.**

# Messagg ta' l-Eccelenza Tieghu
# in-Nunzju Apostoliku

# ANTONIO DEL GIUDICE

Apostolic Nunciature
In Malta

Il giorno 15 del prossimo agosto sarà incoronato il quadro della Vergine Maria Assunta in Cielo con tanta devozione venerato nella vostra Chiesa Cattedrale.

La partecipazione, numerosa e devota, sarà l'espressione sincera della fede del popolo di Gozo a Maria.

Il grido di gioia che si leverà dal profondo dei vostri cuori nel vedere la Madonna, colmata di grazia divina u di gloria celeste, incoronata per benevole concessione dell'Augusto Pontefice, sarà simbolo del vostro amore filiale a Maria e del desiderio di consacrarvi a Lei per essere più uniti, come fratelli, al Figlio Suo, e, come figli, a Dio nostro Padre.

Preghiamo insieme perchè la devozione a Maria, Vergine e Madre di Dio, ci aiuti a trovare l'amore e la pace tra noi. Imitiamo l'Ancella del Signore perchè con la Sua vita decile all'azione dello Spirito Santo e con la disponibilità alla grazia divina sia sempre un modello per tutti i cristiani.

† Antonio del Giudice
Apostolic Nuncio



**L-Eċċellenza Tiegħu MONS. MIKIEL GONZI**
**Arċisqof ta' Malta**

# Messagg ta' l-Eccelenza Tieghu

# MONS. MIKIEL GONZI

## Arcisqof ta' Malta

*Kienet għal ċertu żmien xewqa tiegħi u ta' Mons. A. Hili, Arċipriet tal-Katidral ta' Għawdex, li naraw ġurnata nkurunata x-Xbieħa tal-Madonna tal-Kwadru Titulari tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Imma konna għadna kif inkurunajna l-Madonna ta' Pinu, permezz tal-Kardinal Lepicier fl-isem speċifiku tal-Papa Piju XI. Imbagħad faqqet il-gwerra u wara ftit jiem ġejt trasferit Malta.*

*Issa però sejrin naraw imwettqa x-xewqa tagħna u tal-kleru u tal-poplu ta' Għawdex, għax minn hawn u ftit ġranet oħra, u preċisament fil-15 ta' Awwissu li ġej, sejra titpoġġa fuq Ras il-Madonna l-Kuruna prezjuża, li l-imħabba marjana tal-Għawdxin qegħda tlesti.*

*Din l-Inkurunazzjoni hi ċerimonja sempliċi, imma kommoventi. Hi prova elokwent tal-pietà tal-kleru u tal-poplu ta' Għawdex, u fl-istess ħin hi professjoni pubblika u solenni ta' fidi, ta' dik il-fidi li ġibilna l-Appostlu Pawlu, u li missirijietna ċarċru demmhom biex isalvawha, u li kienet dejjem il-ġieħ, il-faraġ ta' missirijientna, u l-iżjed nobbli patrimonju tal-poplu ta' dawn il-Gżejjer.*

*† Michael Gonzi*
*Arċisqof ta' Malta*



**L-Eċċellenza Tiegħu MONS. NIKOL G. CAUCHI Ph.D., Lic.Sc.Soc.**

**Isqof ta' Għawdex**

# Messagg ta' l-Eccelenza Tieghu

# MONS. NIKOL CAUCHI

# Isqof ta' Ghawdex

Bid-dritt kollu, l-Knisja tagħti t-titlu ta' Reġina lill-Verġni Marija li minn Alla ġiet mgħollija għad-dinjità sublimi li tkun l-Omm tar-Re tar-Rejiet. Hija sselmilha u ssejħilha Sultana tal-anġli u l-qaddisin, tal-patrijarki u l-profeti, tal-appostli u l-martri, tal-konfessuri u l-verġni. B'hekk hija tistqarr mhux biss is-setgħa tal-għaġeb li biha hija mżejna Marija Santissma bħala Omm t'Alla, imma wkoll il-ħniena kbira tagħha li biha tilqa' t-talb tagħna l-bnedmin.

Il-poplu ta' gżiritna, dejjem wera qima liema bħala lejn il-Madonna u issa f'egħluq il-ħamsa u għoxrin sena mid-dikjarazzjoni tad-domma tat-Tlugħ Tagħha fis-sema, ser jagħti prova oħra ta' din il-qima meta x-xbiha tal-Assunta ivvenerata fil-Knisja Katidrali tagħha tiġi mżejna bil-kuruna ta' deheb u tal-ġawhar, li b'ġenerosità u minn qalbhom offrewlha d-devoti tagħha.

Din il-kuruna hija simbolu tal-gratitudni għall-għajnuniet u l-grazzi li fl-imgħoddi ġew mogħtija lilna bl-interċessjoni ta' Sidtna Marija. Il- kuruna tixhed l-imħabba li llum hemm tħeġġeġ fil-qlub tan-nies tagħna lejn l-Omm u s-Sultana tas-Smewwiet u l-art. Tfisser ukoll it-tama li fil-ġejjieni, ulied din il-gżira jibqgħu dejjem magħqudin mal-Verġni Mbierka u mal-Iben għażiż tagħha, f'fedeltà sħiħa lejn it-tagħlim tiegħu murija b'imġieba tassew nisranija.

J'Alla l-Imqaddsa Ommna Marija tilqa' din it-turija ta' devozzjoni tagħna lejha, teħodna taħt il-ħarsien tagħha u ġġib il-Barka tal-Mulej.

† Nikol G. Cauchi

Isqof t'Għawdex



# Messagg ta' l-Eccelenza Tieghu

## MONS. GIUSEPPE MERCIECA

## Isqof Awziljarju ta' Malta

L-Inkoronazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna miqjum fil-Knisja Katidrali t'Għawdex hija l-għanja ta' radd il-ħajr, ta' mħabba u ta' tama li safja ħierġa mill-qalb ta' kull wieħed minna lejn Marija, Omm Alla u Omm il-bniedem.

Inroddu ħajr lil Alla talli għoġbu lil Marija jagħtiha bħala rigal lill-istess Ibnu il-Waħdieni li niżel u għammar ġewwa fiha u tellagħha u Miegħu għaqqadha biex tkun Ommu.

Din il-ġrajja hija xhieda ta' kull ma l-qalb tagħna taf toħlom, trid u twettaq biex turi mħabbitha lejn Marija, Omm tagħna. Lill-Marija aħna nridu nagħtuha kull ma għandna, kollox, lilna nfusna.

Hija wkoll it-tnehida ta' qalbna biex ningħaqdu ma Marija, Omm tagħna: ħalli f'dirgħajha miftuħa aħna, dgħajfa, insibu l-qawwa u f'għajnejha aħna, daħkana, imnikkta, insibu l-faraġ u s-serħan ta' qalbna.

† Giuseppe Mercieca

Isqof Awżiljarju



# Messagg ta' l-Eccelenza Tieghu

# MONS. FERDINANDO LAMBRUSCHINI

## Arcisqof ta' Perugia

L'esaltazione di Maria, Madre di Dio, culminata nell'Asunzione, così cara alla devozione popolare, è saldamente fondata nella Tradizione e nella Teologia. Tuttavia, senza pregiudizio alle glorie della Madonna, vorrei proporne a me e a tutti i suoi figli, l'imitazione delle virtù, dalla fede all'umiltà, dall'amore a Dio all'amore dei fratelli.

S. Paolo ci propone l'imitazione di Dio, come figli carissimi (cfr. Ef.5,1), facendo eco alla parole di Gesù stesso, che ha esortato i suoi discepoli ad essere perfetti come è perfetto il Padre che è nei cieli (cfr.Mt.5, 48).

Maria Santissima, Madre di Dio e Madre nostra, ci renda più facile, con la sua intercessione e con il suo esempio, questa imitazione del Padre e di Gesù Cristo nella luce e nella grazia dello Spirito Santo.

Credo che questo sia uno dei principali insegnamenti dell'esortazione di Paolo VI del 2 Febbraio 1974 sul culto Mariano.

† Ferdinando Lambruschini

Arcivescovo di Perugia



Messagg ta'
l-Eccelenza Tieghu

MONS. LUIGI
PUNZOLO

Arcisqof,

Amministratur
Apostoliku ta' Vellettri

Per manifestare la mia personale devozione e riconoscenza alla Vergine SS.ma Assunta in Cielo, nella cui festività ebbi la grazia di essere ordinato Sacerdote e, consacrato Vescovo, fui inviato per la prima volta come Nunzio in Assunción nel Paraguay, volentieri mi associo all'esultanza di tutti i cittadini di Gozo per la INCORONAZIONE della loro Venerata Immagine e mi riprometto di essere presente alle solenni onoranze che saranno tributate alla Patrona e Regina dell'isola il prossimo 15 Agosto.

La Vergine Santa che nella visione profetica dell'Apocalisse apparve all'apostolo Giovanni: quale gloria dell'umanità, rutilante di luce, coronata di stelle, avente come sgabello la luna mentre il suo virgineo piede schiaccia il serpente infernale, e dal Concilio Vaticano II° è invocata Madre della Chiesa, sia la vostra salvaguardia nei pericoli, la stella sicura nelle tempesta della vita, la madre buona nei momenti di angoscia.

Come figli devoti innalzate a Lei i vostri canti e le vostre lodi: ma soprattutto offriteLe i vostri cuori e la santità delle vostre famiglie!

† Mons. Arcisqof Luigi Punzolo

Amm. Apos. di Vellettri



Ritratt Kommemorattiv tal-KAPITU KATIDRALI T'GĦAWDEX li kien meħud fl-okkażjoni ta' l-Egħluq it-350 Sena tal-Kolleġġjata, 30-12-1973.

Mix-xellug għal-lemin, bil-qiegħda: Mons. Ġorġ Mercieca; Mons. Prof. Emanwel Mercieca; Mons. Mikiel Cefai, Arċipriet; Mons. Guliermu Grima J.C.D., Dekan; Mons. Pawlu Cauchi, Arċidjaknu; Mons. Andrea Vella S.Th.D., J.C.D., Kantur; Mons. Mikiel Grech Teżorier; Mons. Carmelo Xuereb; Mons. Ġużeppi Debrincat.

Bil-wieqfa: Mons. Carmelo Bajada, Penitenzier Koadjutur; Mons. Tumas Curmi; Mons. Giovanni Frendo; Mons. Carmelo Scicluna, Vigarju Kurat; Mons. Ġużeppi Mercieca, B.A., Ph.B., S.Th.D., J.U.D., Adv. S.Rom. Rot. (illum Isqof Awżiljarju ta' Malta); Mons. Anton Gauci, S.Th.D., J.C.D., J.U.B.; Mons. Franġisku Borg; Mons. Prof. Giovanni B. Gauci, S.Th.D., J.C.D., Teologu; Mons. Ġorġ Debrincat, Kan. Onor.; Mons. Edward Bondì Kam. Sig., Kan. Onor.

Minn dan ir-ritratt jonqsu: Mons. Alan. Fenech, S.Th.D., Ph.D., Penitenzier; Mons. Girgor Vella, Lettur; Mons. Lawrenz Xerri, Kan. Koad.; Mons Lawrenz Portelli, Kan. Onor.; Mons. Benedittu Camilleri, Kan. Onor.



**Il-Wisq Reverendu Mons. CARMELO SCICLUNA**

**Vigarju-Kurat tal-Katidral**

# Messagg tal-Wisq Reverendu MONS. CARMELO SCICLUNA Vigarju Kurat tal-Katidral

Fl-okkażjoni speċjali ta' l-Inkoronazzjoni tal-Kwadru titulari ta' S. Marija tal-Katidral t'Għawdex nhar il-15 ta' Awissu tas-sena Mqaddsa 1975 nixtieq nwassal lill-parruċċni u lill-Għawdxin kollha dan il-messaġġ partikulari:

**ĦOBBU LIL MADONNA MHUX BISS B'QALBKOM IŻDA WKOLL B'MOĦĦKOM**

Inħobbu lill-Verġni Marija b'dan il-mod ifisser:

- nipprattikaw il-virtù tal-karità fuq dimensjoni universali;
- inħaddmu l-kwalitajiet tajba tagħna għall-bini ta' dinja aħjar;
- inkunu nsara li nieħdu postna ħdejn min hu fqir biex ngħinuh;
- nimpenjaw rwieħna ma' Kristu f'kull ċirkustanza tal-ħajja u tul ħajjitna kollha.
- ninfatmu mill-Fidi tradizzjonali biex ngħaddu għall-Fidi ta' konvinzjoni;
- u fuq kollox ninkwadraw l-imġieba tagħna fuq il-prinċipji evanġeliċi biex qatt ma ninħakmu fil-morsa tas-sekolarizzazzjoni ta' żmienna.

Dan hu l-programm li fuqu l-Madonna fasslet ħajjitha.

B'hekk biss il-ġrajja ta' din l-inkoronazzjoni ma tintrifes qatt taħt sieq iż-żmien iżda tibqa' tinħass minn dawk li jiġu warajna bħalma jibqa' jinħass:

- id-diwi ta' leħen igħajjat qalb il-blat ta' wied wara li dan il-leħen ikun ilu li siket;
- it-tfigħ ta' ġebla fil-baħar li tikkaġuna ħafna dwawar waħda akbar mill-oħra wkoll wara li l-ġebla tkun ilha li niżlet fil-qiegħ.

Jalla naslu għal dan l-ideal l-għaliex nkunu ngħixu l-festa ta' l-inkoronazzjoni ta' S. Marija:

- ma' kull min inkunu;
- kull fejn inkunu;
- l-24 siegħa tal-ġurnata.

**Carmelo Scicluna**

**Vigarju Kurat tal-Katidral**

# Messagg tas-

# SUR JOHN CREMONA

## President tal-Banda "IL LEONE"

F'isem is-soċjetà filarmonika 'Leone' li sa mill-1897 kellha fi ħsiebha l-festi esterni ta' Sidtna Marija Mtella' fis-sema, meqjuma fil-Knisja Katidrali t'Għawdex, inħoss li f'din l-okkażjoni storika u nazzjonali ta' l-inkoronazzjoni tal-kwadru ta' l-Assunta, nesprimi l-ferħ u s-sodisfazzjon tas-soċjetà li jiena nippreżenta, għal dan l-avveniment li għal bosta snin xtaqna u stennejna.

Is-soċjetà 'Leone' li għandha wisq għall-qalbha l-festa ta' Santa Marija tant li fis-sena 1956 irregalat l-istatwa sabiħa u devota ta' l-Assunta lil din il-Knisja Katidrali, tixtieq tawgura lil dawn il-festi ta' l-inkoronazzjoni ta' Marija Assunta jiksbu s-suċċessi mixtieqa, u jżidu jkattru l-qima u l-imħabba ta' l-Għawdxin lejn il-patruna speċjali ta' Gżiritna, Santa Marija.



J. Cremona
President Soċ. Fil. 'Leone'

## IS-SEGRETARJAT ĠENERALI TAL-FESTI




Mons. Giovanni B. Gauci u Mons. Carmelo Scicluna
fl-Uffiċċju taċ-Ċelebrazzjonijiet ta' l-Inkoronazzjoni

## L-INKARIGATI MILL-MEZZI TA' KOMUNIKAZZJONI



Mix-xelluq: Ġiġa Gauci, Mons. G.B. Gauci, Mons. C. Scicluna,
Maria Zammit, Anton Farrugia u Dun Joe Bezzina

## *KUMITAT ĊENTRALI*

**DELEGATI TAL-KAPITLU**



Monsinjuri G.B. Gauci, C. Scicluna, G. Frendo u T. Curmi

**DELEGATI TAL-BANDA 'LEONE'**



Is-Sinjuri V. Grech, J. Cremona (President), G. Tabone u C. Apap.



# PROGRAMM

TAL-

# FESTI

FL-OKKAŻJONI TA' L-

# INKORONAZZJONI

TA'

# SANTA MARIJA ASSUNTA

FIL-

# KWADRU TITULARI

TAL-

# KATIDRAL

TA' GĦAWDEX

7 TA' MEJJU — 17 TA' AWISSU 1975



# *PROGRAMM*

## *L-EWWEL PARTI*

### L-ERBGĦA — 7 ta' Mejju — Ftuħ tal-Festi

7.30 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali mill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex, flimkien mal-Kapitlu Katidrali. Mons. Isqof jinseġ l-omelija ta' l-okkażjoni. Ikanta l-Kor tal-Katidral "Maria Assunta".

9.00 p.m. **Marċ mill-każin tal-Banda Leone għat-Tokk u lura. Jieħdu sehem il-Banda LEONE u l-Banda ST. JOSEPH ta' Għajnsielem. Fit-Tokk, il-Banda Leone ddoqq l-Innu Marcia "LIL MARIJA ASSUNTA", versi ta' John Cremona, mużika ta' J. Ciappara. Dal-marċ jiftaħ il-Festi ta' barra fl-okkażjoni ta' l-INKORONAZZJONI ta' SANTA MARIJA ASSUNTA.**

### IT-TNEJN — 12 ta' Mejju

**Tnedija ta' KOMPETIZZJONI konnessa mal-Inkoronazzjoni tal-Kwadru Titulari tal-Katidral. Ikun fiha żewġ taqsimiet: għall-KBAR u għaż-ŻGĦAR.**

### L-ERBGĦA — 14 ta' Mejju

7.30 p.m. Quddiesa Konċelebrata mill-Kommunità tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali. Il-W.R. Gwardjan P. Bonaventura Camilleri S.Th.D., jinseġ l-omelija bis-suġġett: "L-Assunta fil-Misteru taż-żjara lil S. Eliżabetta". Ikanta l-kor "San Franġisk" ta' l-istess Kommunità.

### IS-SIBT — 17 ta' Mejju

**7.00 p.m. FESTIVAL MARJAN TA' L-INKORONAZZJONI organizzat mil-"Legion of Mary" fl-Oratorju Dun Bosco. Dis-sena l-Festival hu sponsorjat mill-Parroċċa tal-Katidral fl-okkażjoni ta' l-Inkoronazzjoni ta' Santa Marija.**

### L-ERBGĦA — 21 ta' Mejju

7.30 p.m. Quddiesa Konċelebrata mill-Kommunità tal-Patrijiet Kapuċċini. Il-W.R. Gwardjan P.J. Mallia jagħmel l-omelija bis-suġġett: "Marija fil-Misteru tat-Twelid ta' Ġesù Kristu". Ikanta l-kor "Madonna tal-Grazzja" ta' l-istess Kommunità.

**L-ERBGĦA — 28 ta' Mejju**

7.30 p.m. Quddiesa Konċelebrata. Fiha d-Djaknu Joe Bezzina jagħmel l-omelija ta' l-okkażjoni bis-suġġett: "Il-Madonna u l-Ewkaristija". Ikanta l-kor tas-Sorijiet Franġiskani.

**L-ERBGĦA — 4 ta' Ġunju**

7.30 p.m. Quddiesa Konċelebrata mmexxija minn Patri Alfred Pitrè S.J., bl-omelija: "Marija fil-Misteru tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù". Il-"Kor ta' l-Ispegolatriċi" bl-akkompanjament tal-kitarri ikanta quddiesa "folk".

**L-ERBGĦA — 11 ta' Ġunju**

7.30 p.m. Quddiesa Konċelebrata mis-saċerdoti tas-Soċjetà ta' San Pawl. Ir-Rev. Superjur P. Tarċisju Micallef jinseġ l-omelija bis-suġġett: "Marija fil-Passjoni u l-Mewt ta' Binha Ġesù". Ikanta l-kor "Lourdes Choir" ta' "Lourdes Home".

**L-ERBGĦA — 18 ta' Ġunju**

7.30 p.m. Quddiesa Konċelebrata mill-Patrijiet Franġiskani Minuri. Il-W. R. Patri Gwardja Karlu Tonna O.F.M. jinseġ l-omelija bis-suġġett: "Marija fil-Misteru tat-Tnissil bla Tebgħa Tagħha". Ikanta l-kor "Sant'Antnin" ta' l-istess Kommunità.

**IS-SIBT — 21 ta' Ġunju**

**7.30 p.m. Programm ta' Mużika Klassika-Reliġjuża fuq il-Presbiterju tal-Katidral esegwit mill-"Chorus Melitensis"**
Conductor — Mro. Joseph Sammut.
Chorus Instructor — Biċe Bisazza.

**L-ERBGĦA — 25 ta' Ġunju**

7.30 p.m. Quddiesa Konċelebrata mmexxija minn Patri Salv Portelli O.S.A. li jinseġ l-omelija: "Marija Omm il-Knisja". Ikanta l-kor "S. Wistin" tal-Patrijiet Agostinjani.

**L-ERBGĦA — 2 ta' Lulju**

7.30 p.m. Quddiesa Konċelebrata mill-Presbiterju Parrokkjali tax-Xewkija. Il-W.R. Arċipriet Dun Karm Mercieca jinseġ l-omelija:

"Il-qima lejn Marija twassal għall-għaqda fost l-Insara". Ikanta l-kor "Vox Clamantis" ta' l-istess Parroċċa.
Jasal fil-Katidral pellegrinaġġ mill-Parroċċa tax-Xewkija.

**L-ERBGĦA — 9 ta' Lulju**

7.30 p.m. Quddiesa Konċelebrata mill-Patrijiet Agostinjani. Il-W.R. Pirjol P. Ewġenju Galea jinseġ l-omelija bis-suġġett: "Marija Għajnuna ta' l-Insara". Ikanta l-kor tas-Sorijiet Agostinjani.

**L-ERBGĦA — 16 ta' Lulju**

7.30 p.m. Quddiesa Konċelebrata mill-Presbiterju Parrokkjali tal-Munxar. Il-W.R. Kappillan Dun Salv Debrincat S.Th.L., jinseġ l-omelija: "Il-Verġni Marija hija mudell tal-Knisja". Ikanta l-kor ta' l-istess Parroċċa, minn fejn jasal ukoll pellegrinaġġ għal din il-funzjoni.

**L-ERBGĦA — 23 ta' Lulju**

7.30 p.m. Quddiesa Konċelebrata mill-Presbiterju Parrokkjali ta' l-Għasri. Il-W.R. Kappillan Kan. G. Mintoff jinseġ l-omelija bis-suġġett: "Il-qima lejn il-Madonna fir-Rużarju Mqaddes". Ikanta l-kor tas-Sorijiet Sależjani. Jasal ukoll pellegrinaġġ mill-istess Parroċċa.

## *IT-TIENI PARTI*

**IL-ĦADD — 27 ta' Lulju — JUM IL-MORDA**

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: Biex "il-morda jagħrfu li huma.. magħqdin b'mod speċjali ma' Kristu fit-tbatija għas-salvazzjoni tad-dinja." (Lumen Gentium n. 41)

5.00 p.m. L-Eċċ.za Tiegħu Mons. Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex imexxi quddiesa konċelebrata flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral għall-morda kollha tad-Djoċesi t'Għawdex u fiha jinseġ omelija ta' l-okkażjoni. Ikanta l-kor "Maria Assunta" tal-Katidral.

6.00 p.m. Is-Sur Ġużè Cefai L.P., Segretarju Amministrative għal Għawdex jiftaħ wirja Marjana ta' kwadri tal-Madonna li ġew mogħtija mid-devoti tagħha bħala radd ta' ħajr talli ħellsithom minn xi diżgrazzja. Tberik tal-Wirja mill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi.
Din il-wirja sa tinżamm fil-lokal tal-Mużew tal-Katidral.
**Ġranet u Ħinijiet tal-Wirja:—**

Mit-Tnejn, 28 ta' Lulju sal-Ħadd 17 ta' Awissu mid-9.00 a.m. sal-11.00 a.m. u mis-6.00 p.m. sad-9.30 p.m. Dħul b'xejn.

**IT-TNEJN — 28 ta' Lulju — JUM L-AWTORITAJIET ĊIVILI**

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: Biex il-ħidmiet kollha tal-mexxejja tagħna "iservu ħalli jiffurmaw bniedem edukat, paċifiku u lest biex jagħmel ġid lil kulħadd għall-vantaġġi tal-familja kollha tal-bnedmin." (Gaudium Et Spes n. 74)

7.30 p.m. Translazzjoni Solenni tar-Relikwija mid-Dekan tal-Korp Diplomatiku, l-Eċċ.za Tiegħu n-Nunzju Apostoliku, Mons. Antonio del Giudice. Wara quddiesa flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral. Għal din il-quddiesa konċelebrata jieħdu sehem attiv il-kapijiet tad-dipartimenti t'Għawdex.
Ikanta l-kor "Maria Assunta" tal-Katidral il-quddiesa b'żewġt ilħna differenti ta' Picchi.

**IT-TLIETA — 29 ta' Lulju — JUM IL-BENEFATTURI**

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: Biex l-insara jżommu quddiem għajnejhom li "Alla iddestina l-art b'dak kollu li fiha għall-użu tal-bnedmin u tal-popli kollha." (Gaudium Et Spess n. 69)

7.30 p.m. Jasal pellegrinaġġ min-Nadur. Il-Wisq Rev.du Arċipriet Mons. Mikiel Portelli jmexxi quddiesa konċelebrata flimkien mal-membri tal-Kapitlu u tal-Presbiterju Parrokkjali tal-Knisja Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur għall-bżonnijiet tal-benefatturi ħajjin u mejtin tal-Knisja Katidrali.
**Suġġett ta' l-Omelija**: "L-Interċessjoni tal-Madonna fis-Salvazzjoni tal-Bnedmin."
Ikanta l-kor "Jubilate Deo" tan-Nadur.

**L-ERBGĦA — 30 ta' Lulju — JUM IL-ĦADDIEMA**

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: Biex kulħadd jifhem li "x-xogħol tat-tħabrik għall-vokazzjonijiet huwa dmir tal-kommunità nisranija kollha". (Optatam Totius n. 2)

7.30 p.m. Jasal pellegrinaġġ minn San Lawrenz. Il-Wisq Rev.du Kappillan Dun Mikiel Borg imexxi quddiesa konċelebrata flimkien mal-membri tal-Presbiterju Parrokkjali ta' S. Lawrenz għall-bżonnijiet ta' dawk kollha li għandhom vokazzjoni saċerdotali jew reliġjuża.
**Suġġett ta' l-Omelija**: "Il-Qima Lejn Marija Permezz ta' l-arti."
Ikanta l-kor "San Lawrenz" ta' l-istess parroċċa.

**IL-ĦAMIS — 31 ta' Lulju — JUM IL-VOKAZZJONIJIET**

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: Biex il-ħaddiema "jħossu li huma għandhom sehem fil-ħidma kollha ta' l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' kulħadd." (Gaudium Et Spes n. 68)

7.30 p.m. Jasal pellegrinaġġ mill-Fontana. Il-Wisq Rev.du Kappillan Dun Ġwann Cini jmexxi quddiesa konċelebrata flimkien mal-membri tal-Presbiterju Parrokkjali tal-Fontana għall-bżonnijiet tal-ħaddiema tal-parroċċa. Fl-offertorju jiġu mtellgħin f'riġlejn l-artal diversi għodod tal-ħaddiema.
**Suġġett ta' l-Omelija:** "Il-Verġni Marija u r-Rabta Tagħha mal-Persuni tat-Trinità."
Ikanta l-kor "Kristu Sultan" tal-parroċċa tal-Fontana.

## IL-ĠIMGĦA — 1 ta' Awissu — JUM IR-RELIĠJUŻI

*Intenzjoni tal-Ġurnata:* Biex ir-reliġjużi "dejjem aktar jgħixu u jħossu mal-knisja, u jagħtu lilhom infushom għal kollox għall-missjoni tagħha." (Perfectae Caritatis n. 6)

7.30 p.m. Jasal pellegrinaġġ minn Kerċem. Il-Wisq Rev.du Kappillan, Dun Franġisk Debrincat, imexxi quddiesa konċelebrata flimkien mal-membri tal-Presbiterju Parrokkjali ta' Kerċem għall-bżonnijiet Spiritwali u temporali tar-reliġjużi kollha.
**Suġġett ta' l-Omelija:** "Il-Qima lejn il-Verġni Marija fil-Liturġija."
Ikanta l-kor "San Girgor" ta' Kerċem.

## IS-SIBT — 2 ta' Awissu — JUM IL-MEJTIN

*Intenzjoni tal-Ġurnata:* Biex kulħadd jifhem li "l-għaqda ta' dawk li għadhom fil-vjaġġ mal-aħwa li mietu fil-paċi ta' Kristu ma ġietx maqtugħa, anzi.... hija msaħħa mill-komunikazzjoni tal-ġid spiritwali." (Lumen Gentium n. 49)

7.30 p.m. Jasal pellegrinaġġ mix-Xagħra. Ir-Rev.mu Monsinjur Arċipriet Dun Ewkaristiku Sultana jmexxi quddiesa konċelebrata flimkien mal-Presbiterju parrokkjali tal-Bażilka Kolleġġjata tan-Nadur għall-erwieħ ta' dawk li mietu fil-parroċċa matul is-sena.
Waqt l-offertorju jsiru offerti mill-qraba tal-mejtin ta' din is-sena.
**Suġġett ta' l-Omelija:** "Il-Valur Pastorali tal-Qima Lejn il-Madonna".
Ikanta il-kor "Maria Bambina" tax-Xagħra.

## IL-ĦADD — 3 ta' Awissu — JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

*Intenzjoni tal-Ġurnata:* Biex "l-edukazzjoni taż-żgħażagħ tkun immexxija b'manjera li joħorġu minnha rġiel u nisa ta' personalità sħiħa kif jitolbu żmenijietna" (Gaudium Et Spes n. 31)

8.00 a.m. Patri Ġorġ Mercieca, Sależjan jmexxi quddiesa konċelebrata flimkien mas-saċerdoti ta' l-Oratorju Don Bosco għall-bżonnijiet spiritwali u temporali taż-żgħażagħ kollha tal-parroċċa. Fl-offertorju xi żgħażagħ jagħmlu offerti ta' oġġetti tal-logħob. **Suġġett ta' l-Omelija:** "Il-Madonna u s-Safa fiż-Żgħażagħ." Ikanta l-kor ta' Fr. David Azzopardi M.S.S.P.

**IT-TNEJN — 4 ta' Awissu — JUM L-GĦAQDIET RELIĠJUŻI**

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: Biex il-lajċi kollha jifhmu li "s-sejħa għal-apostolat hija sejħa universali" (Apostolicum Actuositatem n. 2)

7.30 p.m. Jasal pellegrinaġġ mill-Għarb. Ir-Rev.mu Arċipriet Mons. Ġużeppi Borg imexxi quddiesa konċelebrata flimkien malmembri tal-presbiterju parrokkjali tal-Kolleġġjata Bażilka ta' l-Għarb għall-bżonnijiet spiritwali u temporali ta' l-għaqdiet reliġjużi tal-parroċċa.
Għal din il-quddiesa jkunu preżenti l-membri tal-K.D.A.L.
**Suġġett ta' l-Omelija:** "Il-Qima Lejn Marija Permezz ta' l-Angelus".
Ikanta l-kor "Hebron" ta' l-Għarb.

**IT-TLIETA — 5 ta' Awissu — JUM IL-ĠENITURI**

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: Biex il-ġenituri jżommu dejjem quddiem għajnejhom "li huma għandhom ikunu l-ewwel għalliema ta-fidi ta' wliedhom." (Lumen Gentium n. 11)

7.30 p.m. Jasal pellegrinaġġ miż-Żebbuġ. Il-Wisq Rev.du Arċipriet imexxi quddiesa konċelebrata flimkien mal-membri tal-presbiterju parrokkjali taż-Żebbuġ għall-bżonnijiet spiritwali u temporali tal-ġenituri tal-parroċċa.
Fl-offertorju xi ġenituri jwasslu xi offerti f'riġlejn l-artal.
**Suġġett ta' l-Omelija:** "Il-Qima lejn Marija hija s-Saħħa tal-Familja Tagħna".
Ikanta l-kor "Santa Marija" tal-parroċċa taż-Żebbuġ.

**L-ERBGĦA — 6 ta' Awissu — JUM IL-ĠENEROŻITA'**

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: Biex "iċ-ċittadini jiftakru li huma jedd u dmir tagħhom li jagħtu sehemhom skond kif jistgħu għall-progress ta-kommunità tagħhom". (Gaudium Et Spes n. 65)

7.30 p.m. Jasal pellegrinaġġ minn Sannat. Il-Wisq Rev.du Arċipriet Dun Nikol Vella jmexxi quddiesa konċelebrata flimkien mal-membri tal-Presbiterju Parrokkjali ta' Sannat għall-bżonnijiet tal-foqra fil-parroċċa.
Fl-offertorju jingħatu offerti ta' flus għall-karità.
**Suġġett ta' l-Omelija:** "Il-Privileġġi ta' Marija fid-Dawl ta'

Kristu Feddej."
Ikanta l-kor "S. Margarita" ta' Sannat.

**IL-ĦAMIS — 7 ta' Awissu — JUM L-AWTORITAJIET TAL-KNISJA**

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: "Biex fit-twettiq ta' l-Uffiċċju tagħhom ta' missirijiet u ragħajja fost il-fidili tagħhom, l-Isqfijiet iġiebu ruħhom bħal dawk li jagħtu servizz." (Christus Dominus o. 16)

7.00 p.m. Jasal pellegrinaġġ mill-Qala. Il-Wisq Rev.du Arċipriet, Dun Ġużepp Borg Attard imexxi quddiesa konċelebrata flimkien mal-membri tal-Presbiterju Parrokkjali tal-Qala għall-bżonnijiet spiritwali u temporali ta' l-Awtoritajiet tal-Knisja f'Għawdex.
**Suġġett ta' l-Omelija:** "Il-Valur Teoloġiku tal-Qima Lejn il-Verġni Marija".
Ikanta l-kor "S. Ġużepp" tal-Qala.

8.05 p.m. **Programm dwar il-Katidral minn fuq l-M.T.V. Produzzjoni ta' Franco Masini B.A., P.L. u Direzzjoni ta' Joe Borg Ghigo.**

**IL-ĠIMGĦA — 8 ta' Awissu — JUM L-ISTUDENTI**

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: Biex "l-istudenti universitarji jkunu tassew mill-aħjarnett fil-għerf, u mhejjin tajjeb biex jieħdu fuq spallejhom responsabilitajiet serji fis-soċjetà u jkunu xhieda tal-Fidi quddiem il-bnedmin kollha." (Gravissimum Educationis n. 10)

8.00 p.m. Quddiesa minn Mons. Isqof Nikol Cauchi għall-bżonnijiet temporali u spiritwali ta' l-istudenti Universitarji Għawdxin. Jieħdu sehem fil-quddiesa l-istudenti Universitarji Għawdxin.
**Suġġett ta' l-Omelija:** "Il-Madonna Tgħallem lill-Istudenti d-Dedikazzjoni għall-Istudju".
Ikanta l-kor 'Marija Assunta' tal-Katidral.

8.00 p.m. Kunċert sinfoniku mill-Orkestra Nazzjonali l-kbira tat-Tejatru 'Manoel' taħt id-direzzjoni tal-Kav. Mro. Jos. Sammut.
Waqt il-kunċert tinqara poeżija ta' l-okkażjoni ta' Anton Buttigieg.

**IS-SIBT — 9 ta' Awissu — JUM IS-SAĊERDOTI**

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: "Biex is-saċerdoti jfittxu li jagħtu s-sehem tagħhom għall-ħidma pastorali tad-djoċesi kollha, anzi tal-Knisja kollha" (Lumen Gentium n. 28)

8.30 a.m. Siegħa adorazjoni għas-saċerdoti kollha t'Għawdex organizzata mill-Moviment 'Pro Sanctitate' t'Għawdex.

7.30 p.m. L-Ewwel Quddiesa Solenni ta' Dun Joe Bezzina. Jinseġ l-Omelija ta' l-okkażjoni Mons. Carmelo Scicluna, Vigarju Kurat tal-Katidral bis-suġġett: "Il-Madonna u s-Saċerdozju Kattoliku".

Il-kor "Maria Assunta' taħt id-direzzjoni tas-Sinjorina Maria Zammit L.R.S.M. ikanta quddiesa ġdida bi tlett ilħna differenti ta' Patri Albert Borg O.S.A.

**IL-ĦADD — 10 ta' Awissu — JUM L-GĦARAJJES**

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: Biex l-għarajjes "ikunu jafu li fl-imġieba tagħhom ma jistgħux jimxu skond il-kapriċċi tagħhom, imma għandhom ikunu mmexxijin dejjem minn kuxjenza li għandha tkun taqbel ma' l-istess liġi t'Alla." (Gaudium Et Spes n. 50)

8.00 a.m. Quddiesa għall-għarajjes kollha t'Għawdex minn Dun Salv Sultana, konsulent tal-Moviment ta' Kana.
**Suġġett ta' l-Omelija**: "L-Għarajjes u l-Madonna".
Titkanta quddiesa folk mill-grupp tal-kitarristi tal-parroċċa.

**9.00 a.m. Marċ mill-Banda 'Leone' mill-Każin sal-Katidral.**

10.00 a.m. Ħruġ ta' l-istatwa min-niċċa fost il-kant ta' innijiet u sparar mill-Gran Kastell.

10.30 a.m. Quddiesa solenni minn Mons. Anton Gauci f'egħluq il-25 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Diskors taċ-ċirkustanza minn Mons. Teol. Giov. B. Gauci S.Th.D.

7.30 p.m. Quddiesa konċelebrata tat-tieġ ta' Frank Grech u Sandra Bondì. Ikanta l-kor "Maria Assunta" tal-Katidral.

**JUM IL-MEZZI TA' KOMMUNIKAZZJONI SOĊJALI**
**IT-TNEJN — 11 ta' Awissu —**

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: Biex fid-djoċesi tagħna "jkun hemm saċerdoti, reliġjużi u lajċi kapaċi li jħaddmu l-mezzi ta' kommunikazzjoni soċjali għal skopijiet apostoliċi b'kompetenza mhix żgħira." (Inter Mirifica n. 15)

6.00 p.m. Quddiesa minn Patri Anton Mompalao, Kapuċċin għall-bżonnijiet ta' dawk kollha li jaqilgħu l-għixien tagħhom mill-użu tal-mezzi tal-Kommunikazzjoni Soċjali.
Jieħdu sehem il-Ġurnalisti Għawdxin.

**8.00 p.m. Son et Lumiere: L-Istorja tal-Katidral: Kitba u produzzjoni ta' Anton Scicluna.**
Suġġett interessanti li juri l-istorja tal-Katidral ma' tul mijiet ta' snin. Jiġbor fih kamp kbir fejn bil-ħsejjes, dwal u effetti tekniċi oħra, l-istorja tal-Katidral hija midmuma ġrajja wara ġrajja u mtennija f'atmosfera li tilħaq 'il-publiku u tolqot l-isbaħ sentimenti tiegħu.

**IT-TLIETA — 12 ta' Awissu —JUM L-EKUMENIŻMU**

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: Biex "il-fidili kollha jiftakru li iżjed ma jħabirku biex jgħixu ħajja aktar qaddisa skond l-Evanġelju, iżjed iħeġġu l-għaqda ta' l-Insara." (Unitatis Redintegratio n. 7)

5.00 p.m. Servizz Ekumeniku għar-residenti barranin fi gżiritna. Imexxi l-funzjoni r-Rettur tas-Seminarju, Patri Anton Azzopardi S.J.

6.30 p.m. Jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof lit-tfal tal-parroċċa mill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Ferdinando Lambruschini, Arċisqof ta' Perugia.

8.30 p.m. **Ir-Rediffusion ixandar il-feature: "IL-KATIDRAL TA' L-ASSUNTA". Kitba ta' Ġorġ Pisani.**

## L-ERBGĦA — 13 ta' Awissu — JUM IL-KOMMUNITA' PARROKKJALI

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: Biex il-membri kollha tal-kommunità parrokkjali jagħrfu li "Alla jsalva lill-bnedmin mhux mingħajr rabta bejniethom, imma jrid jagħmel minnhom poplu wieħed li jaqdih fedelment". (Lumen Gentium n. 9)

8.00 a.m. Ir-Rev.mu Mons. Carmelo Scicluna, Vigarju Kurat tal-Katidral imexxi quddiesa konċelebrata flimkien mal-membri tal-Presbiterju Parrokkjali tal-Katidral għall-bżonnijiet tal-kommunità parrokkjali. Wara l-quddiesa jitqassmu hampers lill-familji numerużi tal-parroċċa.
Ikanta l-kor "Maria Assunta" tal-Katidral.

7.00 a.m. Lejla Kulturali taħt il-presidenza ta' l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Francesco Seper.
Isiru diskorsi minn Mons. Teol. Giovanni Gauci u Mons. Carmelo Scicluna.
Jieħdu sehem il-kor "Maria Assunta" tal-Katidral taħt it-tmexxija tas-Sinjorina Maria Zammit L.R.S.M. u l-orkestra tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Anton Bonnici.

## IL-ĦAMIS — 14 ta' Awissu — JUM IT-TFAL

*Intenzjoni tal-Ġurnata*: "Biex tabilħaqq fil- familja l-ulied isibu l-ewwel ħjiel ta' soċjetà tajba fost il-bnedmin u l-ewwel ħjiel tal-Knisja." (Gravissimum Educationis n. 3)

8.30 a.m. L-Ewwel Tqarbina tat-tfal tal-parroċċa mill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Ferdinando Lambruschini, Arċisqof ta' Perugia.
Fl-Offertorju t-tfal itellgħu l-offerti ta' flus li jkunu faddlu għall-foqra.
Ikanta l-kor "Pueri Cantores" tal-Katidral.

5.30 p.m. Għasar solenni bil-mużika mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Francesco Seper li jkun assistit mir-Rev.mu Monsinjuri Kanoniċi Kapitulari tal-Katidral.

7.00 p.m. Investitura tal-"Guardie D'Onore" tas-Santwarji Marjani fl-Ewropa.

7.30 p.m. L-Eċċ.za Tiegħu Mons. Arċisqof Luigi Punzolo, Amministratur Apostoliku ta' Vellettri, imexxi quddiesa konċelebrata flimkien mal-Provinċjali tal-Ordnijiet Reliġjużi.
Ikanta l-kor tas-Seminaristi.

| | |
|---|---|
| 9.00 p.m. | **Dimostrazzjoni Solenni bl-istatwa ta' l-Assunta mat-toroq prinċipali tal-Belt Vittorja. Jieħdu sehem il-Banda "Leone" li żżanżan sett ta' marċi ġodda flimkien mal-banda "Prekursur" tax-Xewkija. Fit-Triq it-Tiġrija logħob tan-nar fl-art minn Anton Cilia.** |

## IL-ĠIMGĦA — 15 ta' Awissu — JUM L-INKORONAZZJONI — GĦID L-ASSUNTA

*L-intenzjoni tal-Ġurnata*: Biex "il-Madonna kif fis-sema hi igglorifikata fil-ġisem u fir-ruħ fuq l-art tixgħel quddiem il-poplu t'Alla bħala dawl ta' tama żgura ta' konsolazzjoni."

| | |
|---|---|
| 7.15 a.m. | **L-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi jmexxi quddiesa konċelebrata flimkien mas-saċerdoti ġodda ta' din is-sena. Ikanta l-kor "S. Wistin".** |
| 9.00 a.m. | **Kant tat-Talba ta' Nofs il-Jum.** |
| 9.15 a.m. | **L-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Francesco Seper imexxi konċelebrazzjoni Pontifikali li fiha jieħdu sehem diversi Isqfijiet u l-membri tal-Kapitlu tal-Katidral. Jinseġ l-Omelija ta' l-okkażjoni l-Kardinal. Għal din il-Konċelebrazzjoni jieħdu sehem ukoll delegazzjonijiet (a) tal-Kapitli Kolleġġjali, (b) tal-Parrokat ta' Għawdex, (c) ta' l-Ordnijiet Reliġjużi. L-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi jippreżenta l-kuruna tad-deheb u ħaġar prezzjuż lill-Arċidjaknu Mons. Pawlu Cauchi li f'isem il-Kapitlu tal-Katidral jidħol responsabli għaliha.**<br>**Jiġi mbagħad ippublikat il-kuntratt min-nutar Dr John Busuttil bejn l-Arċidjaknu Pawlu Cauchi f'isem il-kapitlu u bejn is-Sur Ġanni Cremona u s-Sinjorina Marija Zammit li jirrappreżentaw lis-sezzjonijiet maskili u femminili rispettivament tal-parruċċani kollha quddiem iż-żewġ xhieda Mons. Teol. Ġov. Gauci u Mons. Carmelo Scicluna, Segretarji Ġenerali tal-Kumitat Organizzattiv. Titbierek il-kuruna mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal.**<br>**Għal din il-Konċelebrazzjoni jkun preżenti l-Onor Ministru Wistin Abela M.P., bħala rappreżentant tal-Gevrn kif ukoll delegazzjoni tal-Kapitlu Metropolitan u tal-Parrokat ta' Malta.**<br>**Għal din l-okkażjoni tiżżanżan quddiesa b'tliet ilħna differenti tal-'Maestro di Capella' l-Kan. Dun Martin Portelli Lic. Mus.** |
| 4.30 p.m. | **Quddiesa kommunitarja.** |
| 5.00 p.m. | **Marċi mat-toroq prinċipali mill-baned "Prekursur" tax-Xewkija u "Mnarja" tan-Nadur.** |
| 5.30 p.m. | **Marċ mill-Każin sal-Katidral mill-Banda "Leone" u wara takkumpanija il-Kwadru Titulari mill-Katidral sa Pjazza S. Sabina b'marċi reliġjużi. Wara terġa' twassal il-Kwadru inkurunat sal-** |

Katidral. Mat-tmiem il-funzjoni ta' l-Inkoronazzjoni marċ mill-Banda "Victory" tax-Xagħra mill-Katidral sat-Tokk fejn wara tesegwixxi programm mużikali.

6.00 p.m. Purċissjoni Pontifikali bil-kwadru titulari ta' S. Marija. Il-purċissjoni tgħaddi mit-Telgħa tal-Kastell għall-Pjazza Sabina. Jieħdu sehem f'din il-purċissjoni l-Eminenza Tiegħu, il-Kardinal Francesco Seper, L-Eċċ.za Tiegħu Mons. Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex, l-Eċċ.za Tiegħu, Mons. Arċisqof Ferdinando Lambruschini, l-Eċċ.za Tiegħu l-Arċisqof Luigi Punzolo, l-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof Ġużeppi Mercieca, Isqof Awżiljarju ta' Malta, il-Kapitlu tal-Katidral, rappreżentanti tal-Kapitlu Metropolitan, tal-Kolleġġjati, tal-parrokat u tar-Reliġjużi. Fl-aħħar jinġarr il-kwadru titulari. Il-kuruna tiġi merfugħa mill-Onor. Dr. Anton Buttigieg, Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u ta' l-Affarijiet Barranin.
Fuq il-palk tal-Pjazza Sabina fejn ser tiġi nkurunata x-xbieha tal-Madonna jkun hemm l-Eċċ.za Tiegħu l-President tar-Repubblika, Sir Anthony Mamo u Lady Mamo, u bosta persunalitajiet oħra distinti.
Il-funzjoni ta' l-Inkoronazzjoni ssir b'dan il-mod:

- Tinqara l-Poeżija: "L-Għanja ta' l-Inkoronazzjoni" minn Mons. Antonio Gauci S.Th.D., J.C.D., J.U.B.
- Diskors qasir ta' Mons. Isqof Nikol Cauchi.
- Kant ta' Ave Marija mill-kor "Marija Assunta" tal-Katidral.
- Titqiegħed il-kuruna mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal, assistit minn Mons. Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Mons. Ġużeppi Mercieca, Isqof Awżiljarju ta' Malta.

Salut ta' 21 murtal kulurit.
Jitkanta l-Innu ta' l-Inkoronazzjoni, versi ta' John Cremona u mużika ta' A. Borg O.S.A.
Il-Purċissjoni terġa' lura lejn il-Knisja Katidrali fejn jitkanta t-"Te Deum" b'radd ta' Ħajr, Antifona, funzjoni Ewkaristika u Barka Sagramentali mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal.

8.00 p.m. Riċeviment fis-sala tat-Teatru Aurora għall-persunalitajiet kollha distinti ta' din l-okkażjoni.
10.00 p.m. Marċ brijuż mill-Każin il-ġdid sat-Tokk mill-Banda "St. Joseph" t'Għajnsielem.
11.30 p.m. Logħob tan-nar f'Pjazza Sabina.

## IS-SIBT — 16 ta' Awissu — JUM L-EMIGRANTI

*Intenzjoni tal-Ġurnata:* Biex l-emigranti tagħna fl-artijiet li għalihom emigraw "iħabbru l-evanġelju lil kull wieħed li għadu barra mill-Knisja." (Ad Gentes n. 6)

8.00 a.m. L-Eċċ.za Tiegħu Mons. Nikol Cauchi, f'quddiesa konċelebrata jamministra s-Sagrament tal-Griżma lit-tfal ta' l-emigranti li jkunu Għawdex għall-festa u jagħmel ukoll l-Ewwel Tqarbina lill-istess tfal.

**9.00 a.m. Marċ brijuż mill-banda "Leone" mill-Każin sat-Tokk u lura sal-Każin.**

6.00 p.m. L-Eċċellenza Tiegħu Mons. M. Gonzi, Arċisqof Metropolita ta' Malta jmexxi quddiesa konċelebrata solenni flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral.

**6.30 p.m. Programm mużikali fit-Tokk mill-banda Nazz. "La Valette" taħt id-direzzjoni tas-Surmast J. Sammut.**

8.00 p.m. Marċ mill-Każin sat-Tokk mill-banda "Mnarja" tan-Nadur u wara tesegwixxi programm mużikali fl-istess pjazza.

9.00 p.m. Marċi trijonfali u brijużi mill-baned "Leone" u "La Valette" mill-Każin il-ġdid sat-Tokk.

11.00 p.m. Il-banda "Leone" tesegwixxi l-innu "A Maria Assunta" bil-parteċipazzjoni tat-tenur, baritonu u Kor. Wara logħob tan-nar f'Pjazza Sabina.

## IL-ĦADD — 17 ta' Awissu — JUM IT-TALB

*Intezjoni tal-Ġurnata:* Biex il-lajċi "ma jħallux barra li jirrikmandaw lil Alla fit-talb tagħhom lis-superjuri tagħhom." (Lumen Gentium n. 37)

8.30 a.m. Mons. Isqof Nikol Cauchi jmexxi quddiesa konċelebrata solenni bil-mużika flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral.

10.30 a.m. Marċ brijuż u tradizzjonali mal-qalba tal-Belt Vittorja mill-baned 'LEONE u 'ST. JOSEPH' t'Għajnsielem.

3.30 p.m. Tiġrija tradizzjonali ta' Santa Marija bi premjijiet ta' tazzi sbieħ.

5.00 p.m. Sfilata ta' marċi mill-baned 'VICTORY' tax-Xagħra, 'ST. JOSEPH' t'Għajnsielem, u 'MNARJA' tan-Nadur.

5.30 p.m. Għasar solenni bil-mużika, kant tal-Kumpieta, funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali.

6.00 p.m. Programm mużikali fit-Tokk mill-banda 'ST. JOSEPH' t'Għajnsielem.

6.30 p.m. Tibda ħierġa l-Purċissjoni Pontifikali bl-istatwa sabiħa ta' S. Marija. Jindaqq l-innu l-kbir ta' S. Marija fil-Pjazza tal-Katidral u wara titkompla l-purċissjoni mat-triqat prinċipali tar-Rabat. Il-banda ċittadina 'LEONE' tieħu sehem fil-purċissjoni bid-daqq ta' marċi reliġjużi.

10.00 p.m. Marċ brijuż b'mixegħla Venezjana mill-baned 'VICTORY' tax-Xagħra u 'PREKURSUR' tax-Xewkija.

## TAGħRIF IEħOR

- Il-Mużika f'dawn il-festi tkun immexxija mis-Surmast tal-Kapella l-Kan. Dun M. Portelli Lic.Mus. (Roma).
- Il-Korijiet tal-Katidral fl-okkażjonijiet kollha li jieħdu sehem ikunu taħt it-tmexxija tas-Sinjorina Marija Zammit, L.R.S.M.
- Matul il-ġranet tal-festa jsir quddies fid-djar tal-morda.
- Kulħadd huwa mħeġġeġ li jixgħel u jżejjen il-galleriji minn fejn jgħaddu l-Kwadru titulari ta' Santa Marija u l-Istatwa ta' Santa Marija.
- Fl-okkażjonijiet kollha ta' dawn il-festi speċjali kulħadd jista' jerġa' jitqarben għat-tieni darba fl-istess jum.
- Matul il-jum tal-festa, fost bċejjeċ oħra, il-banda 'LEONE' taħt id-direzzjoni tas-Surmast Jos. Sammut tesegwixxi l-innu mmortali 'A MARIA ASSUNTA' ta' Mro. O. Crescimanno, versi tal-Prof. Ramiro Barbaro di San Giorgio bil-parteċipazzjoni tat-tenur Elia Cassar, Baritonu Jackie Alosio, u l-Kor tat-tfajliet.
- Il-mixegħla matul il-jiem tal-festa tkun ta' A. MONPALAO & SONS.
- Nhar il-15 u s-17 ta' Awissu l-quddies fil-Katidral ikun fl-4.15 a.m., fil-5.00 a.m., fis-5.45 a.m., fis-6.30 a.m., fis-7.15 a.m., fit-8.00 a.m., fil-11.00 a.m., fl-12.00 a.m., fis-1.00 p.m. u fl-4.30 p.m.

## INNU TA' L-INKORONAZZJONI

Għawdex tiegħek, Madonna sabiħa,
Gżira ħelwa, ma' qalbek rassejt,
Sa mill-bidu għażiltha mill-kotra
U ħabbejtha bħall-mimmi t'għajnejk.
Għawdex kollu annuna jsellimlek
O Sultana tas-slaten smewwija,
Għal fuq rasek kuruna sabiħa,
Lestejnielek, o ħelwa Marija.

Kemm tixraqlek, Marija l-kuruna
Li nsiġnielek mid-deheb l-iktar fin,
Imma isbaħ mid-deheb u mill-ġawhar,
Hi l-imħabba għalik, ta' l-Għawdxin.

Aħna rridu, kif għamlu fis-sema
L-anġli hienja, li nagħmlu fuq l-art,
Li naħtruk is-sultana ta' ġensna,
Ta' dik l-art li għalik inti ħtart.
Għax 'il-ġens magħżul tiegħek ħaristu,
Bosta drabi kif jixhdu l-ġrajjiet,
U kull meta sejjaħtlek weġibtu
Biex erfajtu mill-hemm u l-ħtijiet.

Kemm tixraqlek, Marija l-kuruna eċċ.

Minn ġol-maqdes ewlieni tal-gżira,
Fejn l-Għawdxin l-ewwel darba qimuk,
Ibqa' saltan bħal xemx kollha dija,
Ibqa' għallimna kif għandna nħobbuk;
U kif ħriġtna rebbieħa fl-imgħoddi
Meta l-mislem ħabatna bis-sħiħ,
Kompli għinna Marija Reġina,
Lill-ġens tiegħek biex joħroġ rebbieħ.

Kemm tixraqlek Marija l-kuruna eċċ.

**Mużika**
**ALBERT BORG O.S.A.**

**Kliem**
**JOHN CREMONA**

# *SOTTO-KUMITATI*

## KUMITAT FESTIVAL MARJAN



Mix-xellug: F. Saliba, R. Agius, M. Said, F. Azzopardi, B. Masini, J. Pace, Dun R. Borg, u T. Gauci.

## KUMITAT GĦALL-"CHORUS MELITENSIS"



Mix-xellug: E. Grech, Mro. A. Bonnici, M. Grech, M. Zammit, A. Theuma u S. Grech

## KUMITAT KUNTEST LETTERARJU



Mix-xellug: J. Psaila, M. Busuttil, P.P. Grech, F. Scicluna u J. Bezzina.

## KUMITAT KUNĊERT SINFONIKU ORKESTRA NAZZJONALI TAL-'MANOEL THEATRE'



Mix-xellug: M. Masini, Dun J. Bezzina, Dun G. Gauci,
Mons. A. Gauci, Dun Ġ. Saliba, Mro. A. Bonnici

## KUMITAT "SON ET LUMIERE"



Mix-xellug: G. Gauci, A. Mompalao, J. Abela, Dun G. Saliba, A. Scicluna, J. Cremona, C. Grech u J. Pavia

## KUMITAT LEJLA KULTURALI



Mix-xellug: M. Grech, Mro. A. Bonnici, Dun G. Tabone, A. Farrugia, J. Pavia u M. Zammit

## KUMITAT WIRJA MARJANA



Mix-xellug: A. Spiteri, Dun J. Bezzina, F. Azzopardi, J. Micallef, E. Magro u S. Grech



☞ Franco Masini, l-awtur tal-programm IL-KATIDRAL TA' L-ASSUNTA, li ser jidher fuq l-M.T.V. fl-okkażjoni ta' l-Inkoronazzjoni.

Ġorġ Pisani, l-awtur tal-feature IL-KATIDRAL TA' L-ASSUNTA li ser jinstema fuq ir-Rediffusion fl-okkażjoni ta' l-Inkoronazzjoni ☞



# IL-KATIDRAL

## Hidma Pastorali

## fuq linji Post-Konciljari

**PRESBITERJU PARROKKJALI**



**Quddiem: Il-Monsinjuri G.B. Gauci, A. Gauci, M. Grech, G. Debrincat, C. Scicluna u G. Vella. Wara: Ir-Reverendi S. Gauci, G. Grech, Ġ. Azzopardi, Ġ. Curmi, Ġ. Tabone u Ġ. Farrugia**

## KUNSILL PARROKKJALI



Quddiem: L. Gauci, segretarja, Mons. C. Scicluna, direttur spiritwali, J. Psaila, President, S. Micallef. Wara: A. Bezzina, F. Scicluna, M. Zammit, J. Scicluna u S. Galea.

## L-ABBATINI TAL-KATIDRAL



Quddiem flimkien mad-Direttur Mons. G.B. Gauci: N. Grech, G. Pavia, Ġ. Vella, G. Haber. Wara: M. Spiteri, F. Portelli, V. Pavia, M. Haber, V. Vella, R. Vella u V. Bugeja.

## *IL-KORIJIET TAL-KATIDRAL*

**KOR "MARIA ASSUNTA"**



**KOR "PUERI CANTORES"**



**Direttriċi taż-Żewġ Korijiet: MISS MARIA ZAMMIT L.R.S.M.**


drink kinnie now
Kinnie
the refreshing drink
for everybody,
anytime, anywhere.
Kinnie
FARSONS
KINNIE
KINNIE
Kinnie away your thirst.

# IL-BANDA "LEONE"

## LI SA MILL-1897 HADET HSIEB IL-FESTI ESTERNI TA' SANTA MARIJA



**Direttur tal-Banda: MRO. JOSEPH SAMMUT**
**Assistent Direttur: MRO. ANTON BONNICI**

Il-Banda "LEONE" ilha tieħu ħsieb il-festi ta' l-Assunta minn żmien twil, talinqas mill-1880. Fl-1897, biex l-affarijiet ikunu iktar sodi sar Digriet bejn l-Awtoritajiet Ekklesjastiċi u l-Kumitat tal-Banda sabiex il-festi esterni ta' l-Assunta li jsiru ta' kull sena mit-13 sal-15 ta' Awissu jieħu ħsiebhom bi dritt dal-Kumitat.

Din is-Sena ta' l-Inkoronazzjoni mhix l-ewwel darba li qed isiru festi itwal u iktar mis-soltu. Hekk sar fl-1897 meta nġiebet l-Istatwa artistika ta' l-Assunta; fl-1947 f'egħluq il-50 sena ta' l-imsemmi digriet ma l-Isqof ta' Għawdex; fl-1950 fl-okkażjoni tal-Proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Assunta; 1956 meta l-Banda "Leone" irregalat l-istatwa ta' l-Assunta lil Katidral u fl-1963 meta l-Banda "Leone" għalqet 100 sena mit-twaqqif tagħha.

TRID LI JKOLLOK HADID
LI MA JSADDADX?

MUR DEJJEM GHAND

ID-DOLPHIN FORGE
MARSA

Tel. 21466

# KRONAKA TAL-PARROCCA

1 ta' Awissu, 1974 — 31 ta' Lulju, 1975



*FOR WORLDWIDE TRAVEL APPLY:—*

**JOHN PORTELLI ENTERPRISES**

I.A.T.A. AGENT

7, IT-TOKK SQUARE, VICTORIA, GOZO

Telephone: 76236

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA-MALTA

Telephone: 27016

*TOUR PLANNERS*

**HEMPEL'S MARINE PAINTS (MALTA) LTD.**

MANUFACTURERS OF HIGH QUALITY HOUSEHOLD, INDUSTRIAL AND MARINE PAINTS

SUPPLIERS TO THE MALTA GOVERNMENT, LEADING INDUSTRIAL FIRMS AND THE BUILDING IDUSTRY

28B, SOUTH STREET, VALLETTA. Telephones: Central 25911, 22215

## MAGĦMUDIJIET

Saru l-magħmudijiet ta':

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Charmaine bint Joe u Rose Cassar | 1- 8-74. |
| 2. | Josianne bint Paul u Mary Gatt | 9- 8-74. |
| 3. | Christopher iben Ġorġ u Vivienne Grech | 14- 8-74. |
| 4. | Diana bint Teddy u Josephine Grech | 22- 9-74. |
| 5. | Josette bint Jos. u Ġiġa Farrugia | 9-10-74. |
| 6. | Moira bint Anton u Reġina Vella | 20-10-74. |
| 7. | Anton iben Kelinu u Ċikka Said | 27-10-74. |
| 8. | Michelle iben Koronatu u Maria Farrugia | 17-11-74. |
| 9. | Etien iben Carmelo u Maria Micallef | 20-11-74. |
| 10. | Ramona bint Frankie u Rose Psaila | 24-11-74. |
| 11. | Carmelo iben Frank u Doris Farrugia | 29-12-74. |
| 12. | Maria Claude bint John u Ġuljetta Xerri | 29-12-74. |
| 13. | Maria bint Vigo u Maria Azzopardi | 1- 1-75. |
| 14. | Miriam bint Ġorġ u Dolora Zahra | 6- 1-75. |
| 15. | Ruth bint Anton u Ċetta Zammit | 29- 1-75. |
| 16. | Steve Mario iben Joe u Antonia Cordina | 29- 1-75. |
| 17. | Leo iben Colin u Antonietta Apap | 10- 2-75. |
| 18. | Pierre iben Anton u Maria Attard | 10- 2-75. |
| 19. | Pauline bint Lorrie u Carmena Fenech | 7- 3-75. |
| 20. | Stephen iben Anton u R. Xerri | 7- 3-75. |
| 21. | Susan bint Carmelo u Reġina Micallef | 29- 3-75. |
| 22. | Miriam bint Joseph u Marija Apap | 11- 4-75. |
| 23. | Frances bint Joseph u Gracie Calleja | 11- 4-75. |
| 24. | Ġorġ iben Mike u Marija Cassar | 24- 4-75. |
| 25. | Ġeorġina Eva bint Manwel u Josephine Debono | 29- 5-75. |
| 26. | Marlin iben Salvu u Sylvia Vella | 6- 7-75. |
| 27. | Mark iben Salvu u Sylvia Vella | 6- 7-75. |

## IMWIET MATUL IS-SENA

| | |
|---|---|
| Awissu: | Ġużepp Sultana; Anton Bezzina; Ġorġ Portelli. |
| Ottubru: | Ġużeppi Debrincat. |
| Novembru: | Mikelina Caruana; Karmena Formosa; Karmenu Grech. |
| Jannar: | Marija Scicluna. |
| Marzu: | Roża Mercieca. |
| April: | Ġużeppi Agius; Dolora Cutajar; Anton Grech Xerri. |
| Mejju: | Karmenu Scicluna; Francesco Xerri; Giuseppa Grech; George Theuma. |

## ŻWIEĠIJIET

17- 8-74: Sar it-tieġ ta' Joseph Tewma u Doris Mizzi.
18- 8-74: Tieġ ta' Carmelo Merciea u Antoinette Vella.

# BEZZINA BROS. LTD.,

TRUNK ROAD, MARSA

Telephone: 20892

**MANUFACTURERS OF**

**LIGHT ENGINEERING WORKS**

METAL KITCHEN UNITS

OFFICE FURNITURE

AIR-CONDITIONING DUCTWORK

FLUE PIPEWORK

TUBULAR FURNITURE

WROUGHT IRON WORKS

GARAGE DOORS

GALVANISED DOORS & WINDOWS

FLOURESCENT FITTINGS

CABLE TRUNKING

14- 9-74: Tieġ ta' Mario Camilleri u Teresa Cassar.
31-10-74: Tieġ ta' Dominic Attard u Miriam Tabone.
28-12-74: Tieġ ta' Simon Camilleri u Benna Grech.
26- 1-75: Tieġ ta' Lewis Camilleri u Rita Camilleri.
8- 3-75: Tieġ ta' Ġanni Dimech u Lourdes Formosa.
26- 7-75: Tieġ ta' Joseph Debrincat u Natalina Grech.

---

**GRAJJIET IMPORTANTI MATUL IS-SENA**

3/ 8/74 Dun Colin Apap għamel l-ewwel qudiesa sollenni fil-Katidral.

4/ 8/74 Dun Ġorġ Mercieca, Salesjan iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-Katidral. Mons. G.B. Gauci nisiġlu l-paniġirku tal-okkażjoni.

9/ 8/74 "It-Tlugħ ta' Marija fis-sema", Djalogu Poetiku ta' Anton Buttigieg, kien reċitat fuq il-presbiterju tal-Katidral, bħala parti mill-festi.

11/ 8/74 Patri Anton Monpalao, Kappuċċin għamel l-ewwel quddiesa solenni fil-Katidral. Nisiġlu l-omelija tal-okkażjoni Mons. Carmelo Scicluna.

15/ 8/74 **JUM SANTA MARIJA. Bħas-soltu numru bla ma jaqta' ta' nies ħonqu l-Katidral minn qabel il-paternoster sa wara l-purċissjoni. Tħabbar uffiċjalment li l-KWADRU TITULARI tal-Katidral ta' Għawdex is-sena d-dieħla ser ikun inkoronat.**

15/ 9/74 L-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi qaddes b'ringrazzjament għar-rebħa fiż-żewġ Assedji ta' Malta bħala parti miċ-ċelebrazzjoni tal-Festi Nazzjonali f'Għawdex.

16/ 9/74 Il-magħruf organista ngliż Ray Baines ta kunċert ta' l-orgni fil-Katidral u ntogħġob bosta.



# A.F. ELLIS

MANUFACTURERS OF

## FIRST QUALITY MOSAIC AND MARMETTONE FLOOR TILES

WISH TO INFORM OUR ESTEEMED CLIENTELE THAT OUR PRICES ARE STILL THOSE OF 1973

QUICK DELIVERY OF ORDERS

CAN BE ARRANGED

*IT'S ALWAYS WORTH VISITING US*

7, GHAJN QATET STREET,
VICTORIA, GOZO
Telephone: 76021

---

GHALL-AHJAR U L-ORHOS KMAMAR TAL-BANJU

MORRU DEJJEM GHAND

## TONY'S STORE

IT-TOKK, VICTORIA
Telephone: 76629

---

*GHALL-AHJAR U L-ORHOS XORB U TABAKK*
*MORRU GHAND*

## JOS. MEJLAK ZAMMIT

TA' PJAZZA SAN ĠORĠ, VICTORIA

Telephone: 76531

21 /9/74 Mons. Isqof Nikol Cauchi qaddes ma' ħafna membri tal-Kleru ta' Għawdex għar-ruħ l-Isqof Awżiljarju Mons. Emmanwele Galea f'egħluq ix-xahar mill-mewt tiegħu (ara ritratt p. 35).

22/ 9/74 Fl-okkażjoni ta' egħluq il-110 sena minn meta l-matriċi ta' Għawdex saret Katidral, tkanta "Te Deum" ta' radd il-ħajr.

29/ 9/74 Monsinjur tal-Katidral ta' Għawdex, l-E.T. MONS. ĠUŻEPPI MERCIECA, kien ikkonsagrat Isqof Awżiljarju ta' Mons. Arċisqof Gonzi fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Il-Kapitlu tal-Katidral kien rappreżentat għall-okkażjoni minn 3 Monsinjuri. L-Isqof N. Cauchi kien wieħed mill-isqfijiet konsagranti.

11/10/74 Konċelebrazzjoni Solenni f'egħluq il-258 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Katidral.

20/10/74 Ġurnata Missjunarja. Kien fil-Katidral ta' Għawdex, fost il-parroċċi kollha ta' Għawdex li saret l-ikbar għotja ġeneruża għall-Missjoni, £M118.

9/11/74 Il-Kongregazzjoni tas-Saċerdoti mwaqqfa fil-Katidral ta' Għawdex għall-ewwel darba dis-sena għamlet Konċelebrazzjoni flimkien ma' Mons. Isqof għall-erwieħ tas-saċerdoti mejtin.

1/12/74 Patri William Axiaq, Kappuċċin, beda fil-Katidral il-priedki ta' l-Avvent bis-suġġett "Il-parroċċa", peress li f'Għawdex din hi s-sena tal-Parroċċa skond il-Pjan Pastorali.

15/12/74 Il-Banda ċittadina LEONE għamlet is-soltu Programm Mużikali biex tfakkar egħluq l-24 sena mill-Proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Assunta.

16-24/12/74 Bdiet fil-Katidral Novena Biblika bi tħejjija għall-festa tal-Milied. Din kienet il-5 sena li nżammet din in-Novena.



**23/12/74 Il-Kor tat-tfal tal-Katidral PUERI CANTORES, taħt it-tmexxija**

**tad-Direttriċi tiegħu Maria Zammit L.R.S.M. għamel programm ta' carols tal-Milied minn fuq it-television Malti. Sentejn ilu l-Kor MARIA ASSUNTA wkoll kien għamel programm simili.**

25/12/74 Iż-żewġ korijiet tal-Katidral, qabel il-funzjoni ta' nofs-il-lejl irripetew fuq il-Presbiterju tal-Katidral il-programm ta' carols li xxandar jumejn qabel minn fuq it-televiżjoni.

31/12/74 Inħareġ għall-5 sena konsekuttiva il-Kalendarju Parrokkjali tal-Katidral. Dis-sena kien verament edizzjoni 'de luxe' u kien imfaħħar minn kulħadd. Għat-2 sena nħareġ ukoll kalendarju tal-but.

12/ 1/75 Monsinjuri C. Scicluna, G.B. Gauci, T. Curmi u Ġ. Frendo nħatru mill-Kapitlu Katidrali bħala delegati għaċ-ċelebrazzjonijiet solenni fl-okkażjoni ta' l-Inkoronazzjoni tal-Kwadru Titulari tal-Katidral. Il-Banda Leone ħatret bħala delegati lil J. Cremona, G. Tabone, V. Grech u C. Apap.

13/ 1/75 Il-Kumitat Prinċipali tal-Festi ta' l-Inkoronazzjoni tal-Kwadru Titulari tal-Katidral bagħat appell għall-ġbir ta' flus u ħaġar prezzjuż bil-posta lid-djar kollha tar-Rabat.

9/ 3/75 Il-Kappillan ta' San Lawrenz, Dun Girgor Vella P.E.P., ħa l-pussess ta' Monsinjur tal-Katidral. Ir-Rettur tas-Santwarju ta' Pinu u l-Kanċillier tal-Kurja, Dun Beneditt Camilleri, ukoll laħaq Monsinjur onorarju tal-Katidral.

9-15/3/75 Patri Wiġ Pisani, Tereżjan għamel l-eżerċizzi tar-Randan għan-nisa u għall-irġiel. Bħas-soltu l-Knisja kienet dejjem tkun maħnuqa bin-nies u nġabret is-somma ta' £M100.49,0 għas-Seminarju f'dawn l-eżerċizzi.



16/ 3/75 Għat-8 sena ħarġet mill-Katidral il-purċissjoni tal-Passjoni. Dis-

sena żżanżnu l-persunaġġi ta' Ġesù flimkien ma' l-Appostli li jfakkruna fl-aħħar ċena.

27/ 3/75 L-GĦID IL-KBIR. Il-Bullettin tal-Katidral fakkar lil dawk li għadhom ma għamlux l-għotja tagħhom għall-Kuruna biex jagħmlu hekk mill-aktar fis. S'issa l-Bullettin kien għadu ma qatax iġib il-lista ta' dawk li għamlu offerti.

27/4-4/5/75 Inżammet għad-9 sena konsekuttiva Ġimgħa Liturġiko-Ewkaristika fil-Katidral. Din is-sena saret f'egħluq l-400 sena mit-twaqqif tal-FRATELLANZA TAS-SAGRAMENT FIL-KATIDRAL TA' GĦAWDEX. Il-Ġimgħa effettivament fetħet b'diskors dwar il-ġrajja tal-fratellenza mid-Djaknu Joe Bezzina.

7/ 5/75 **L-EWWEL ERBGĦA QABEL IL-FESTA TA' SANTA MARIJA. B'QUDDIESA KONĊELEBRATA MAL-KAPITLU KATIDRALI, L-E.T. MONS. NIKOL CAUCHI, ISQOF TA' GĦAWDEX, FETAĦ UFFIĊJALMENT IL-FESTI FL-OKKAŻJONI TA' L-INKORONAZZJONI TA' SANTA MARIJA ASSUNTA MEQJUMA FIL-KWADRU TITULARI TAL-KATIDRAL TA' GĦAWDEX, KWADRU MPITTER MINN MIKIEL BUSUTTIL FL-1791.**

11/ 5/75 Il-Kapitlu Katidrali fetaħ uffiċċju ġdid fil-Katidral fejn jistgħu jsiru l-ħlasijiet ta' flus u affarijiet oħra konnessi mal-amministrazzjoni tal-istess Kapitlu. Il-post ta' l-uffiċċju hu temporanju, u 'l quddiem mistenni li jinfetaħ wieħed fil-Pjazza tal-Katidral.

12/ 5/75 Tnediet uffiċjalment kompetizzjoni ta' poeżija u proża konnessa mal-Inkoronazzjoni tal-Kwadru Titulari tal-Katidral.

17/ 5/75 Fl-Oratorju Don Bosco inżamm Festival Marjan, b'kanzunetti b'tema Marjan. Dan ukoll kien konness mal-festi ta' l-Inkoronazzjoni.

5/ 6/75 Fl-okkażjoni ta' egħluq it-300 sena mid-dehra tal-Qalb ta' Ġesù lil Santa Margerita Marija Alacoque, il-parroċċa tal-Katidral mexxiet pellegrinaġġ għall-parroċċa lilha dedikata f'Fontana. Il-Presbiterju tal-Katidral li marru għall-pellegrinaġġ.

21/ 6/75 Il-CHORUS MELITENSIS taħt it-tmexxija ta' Mro. Joseph Sammut esegwixxa kompożizzjonijiet klassiċi ta' awturi lokali u barranin fuq il-Presbiterju tal-Katildral. Akkompanjat fuq l-orgni, is-Sinjura Biċe Bisazza. Għall-kunċert, il-Katidral kien maħnuq bin-nies li ġew minn kull rokna tal-gżira. Wara l-Vigarju-Kurat tal-Katidral, Mons. C. Scicluna ppreżenta settijiet ta' bizzilla Għawdxija lid-Direttur u lill-Għalliema tal-Kor. Dan il-programm kien parti mill-festi ta' l-Inkoronazzjoni.



29/ 6/75 Id-Djaknu Joe Bezzina tal-parroċċa tal-Katidral kien ordnat SAĊERDOT mill-Q.T. il-PAPA PAWLU VI fil-Pjazza ta' San Pietru ġewwa l-Vatikan, flimkien ma 358 djaknu ieħor mid-dinja kollha. Din kienet l-ewwel darba li xi djakni mid-Djoċesi ta' Għawdex kienu ordnati saċerdoti mill-Vigarju ta' Kristu fuq l-art. Fl-1 ta' Lulju il-qassis il-ġdid qaddes għall-ewwel darba fil-Katidral.

L - ASSUNTA

M. Busuttil (1791)
Katidral Ghawdex